# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**erbgħa (4) ta' Marzu 2020**

**Rikors Numru 840/19 FDP**

Fl-ismijiet

**John Sullivan**
**(ID 126946M)**

**Vs**

**Parlex Limtied u Paul Thompson**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 2 ta' Settembru 2019, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab is-segwenti:

    1. *Illi l-attur xtara mingħand il-konvenuti vettura tal-marka Range Rover Vogue u dan kif jidher mill-fattura annessa u mmarkata bħala Dok JS1 u dan versu l-ħlas tas-somma ta' €20,000 imħallsa kollha kemm hi bil-quddiem;*

    2. *Illi l-konvenuti naqsu li jikkonsenjaw dina l-vettura lill-attur u minkejja li ġew interprellati sabiex jikkonsenjaw l-istess huma naqsu milli jagħmlu dan;*

3. *Illi l-konvenuti f'istanti minnhom ikkuntattjaw lill-attur u offrewlu li jirrifondu l-flus lura. Din ir-rifużjoni ma saritx.*

4. *Illi għaldaqstant il-konvenuti jew min minnhom, huma debituri tal-attur fis-somma ta' €20,000;*

5. *Illi l-esponenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha hawn dikjarati.*

*Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex dina 1-Onorabbli Qorti m'għandiex:*

1. *Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom huma debituri tal-attur fis-somma ta' €20,000 kif fuq spjegat;*

2. *Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-attur is-somma ta' €20,000.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali dekorribli kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi jirriżulta li s-soċjeta' Parlex Limtied ġiet notifikata ġewwa 20/22, Wenlock Road, London N1 7GU, Renju Unit fis-17 ta' Ottubru 2019 permezz tal-proċedura stipulata fir-Regolament 1393/2007. (fol 16)

3. Rat illi jirriżulta illi Paul Thompson ġie notifikat ġewwa Lutterington Hall, Hummerbeck, West Auckland, Bishop Auckland DL14 9PP, Renju Unit fil-15 ta' Ottubru 2019 permezz tal-proċedura stabbilita fir-Regolament 1393/2007. (fol 17)

4. Rat illi fis-6 ta' Frar 2020, meta ssejħet il-kawża, l-intimat Paul Thompson u s-soċjeta' intimata Parlex Limtied u/jew rappreżentant tagħha, ma dehrux biex jikkontestaw il-każ.

5. Semgħet ix-xhieda ta' **John Sullivan** mogħtija fis-6 ta' Frar 2020.

6. Rat illi fis-6 ta' Frar 2020 il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijet intimati in vista tal-kontumaċja tagħhom.

7. Rat illi fl-20 ta' Frar 2020, imsejjħin, kemm il-konvenut u wisq anqas is-soċjeta' intimata u/jew rappreżentant tagħha, ma dehrux biex jagħmlu s-sottomissjonijet tagħhom.

8. Rat illi fl-20 ta' Frar 2020 ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex tgħaddi għas-sentenza abbażi tal-provi minnu ppreżentati.

9. Rat illi, skond ix-xhieda bil-ġurament ta' John Sullivan, huwa akkwista Range Rover Vogue TDV8 għas-somma ta' €20,000, kif jidher minn invoice datata 21 ta' Settembru 2018, ippreżentata mir-rikorrent flimkien mar-rikors promotur.

10. Rat illi, dejjem skond ix-xhieda bil-ġurament ta' John Sullivan, huwa għadda l-flus lill-intimati iżda l-vettura qatt ma ġiet kkonsenjata lilu. Sullivan jikkonferma bil-ġurament tiegħu illi, mument minnhom, l-intimat Thompson qallu illi marad u ma setax iġiblu l-karozza, iżda l-flus qatt ma reġgħu intraddulu lura, ghalkemm ikkomunika miegħu varji drabi.

11. Rat illi, abbażi tax-xhieda kif fuq spjegata u mhux ikkontestata bl-ebda mod, il-Qorti ma ssib ebda raġuni għaliex ma għandhiex tilqa' t-talbiet rikorrenti, kif dedotti.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Wara illi semgħet ix-xhieda bil-ġurament tar-rikorrent John Sullivan, tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi;

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti, u għalhekk;

**Tiddikjara** illi l-konvenuti Parlex Limited u Paul Thompson huma debituri, in solidum bejniethom, tal-attur, John Sullivan, fis-somma ta' għoxrin elf Euro (€20,000) rappreżentanti l-prezz ta' Range Rover Vogue TDV8 akkwistata u mħallsa mir-rikorrent mingħand l-intimati iżda qatt lilu kkonsenjata, u għalhekk;

**Tikkundanna** lill-konvenuti Parlex Limited u Paul Thompson, in solidum bejniethom, iħallsu lill-attur, John Sullivan, is-somma ta' għoxrin elf Euro (€20,000).

**Bl-ispejjeż** kif mitluba u bl-imgħax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**